# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 7 ta' Marzu 2018**

**Rikors Numru : 1251/2012/JPG**
**Kawza Numru : 23**

**Sylvia Enriquez ammessa ghall-beneficcju tal-Ghajnuna Legali**

**- vs –**

**Registratur tal-Qrati u Direttur Qrati Civili u Tribunali et. U b'digriet tal-25 ta' Mejju 2015, gie kjamat in kawza Francis Enriquez.**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Sylvia Enriquez tat-18 ta' Dicembru 2012 illi jaqra hekk :

1. *Illi in forza ta'mandat ta'sekwestru kawtelatorju' numru 36/12 mahrug fis-17 ta' Frar 2012 l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ordnat lis-sekwestratarju intimat Registratur tal-Qrati u Direttur Qrati Civili u Tribunali sabiex izomm flus jew oggetti ohra appartenenti lil Francis Enriquez.*

2. *Illi l-imsemmi Francis Enriquez talab biex jizbanka s-somma ta'€ €7685.63.*

3. *Illi l-intimat sekwestratarju naqas li jgib a konjizzjoni tal-Qorti li quddiemha saret it-talba ghall-izbank l-ezistenza tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 36/12 mahrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).*

4. *Illi b'hekk Francis Enriquez irnexxielu jizbanka s-somma ta' b'rizultat tan-nuqqas tar-Registratur li jobdi l-ordni kontenut fil-mandat ta' sekwestru, u konsegwentement l-esponenti giet ippregudikata peress li l-ammont ta' €7685.63 ingabar minn Francis Enriquez u/jew mill-avukat tieghu.*

5. *Illi barra minn hekk, minkejja li l-attrici giet ammessa ghall-beneficcju tal-Ghajnuna Legali l'aktar minn okkazzjoni wahda, l-intimat abbuzivament u illegalmeut kiseb il-hrug ta' mandat ta'sekwestru numru 1799/2011 fl-ismijiet "Registratur Qrati Civili u Tribunali vs. Sylvia Enriquez" ghas-somma ta' EUR 1536.64 bhala dritt tar-Registru u spejjez ohra konnessi, u dan meta c-cirkostanzi finanzjarji taghha baqghu kif kienu meta hija giet ammessa ghall-beneflccju tal-Ghajnuna Legali.*

6. *Illi l-imsemmi kreditu pretiz fl-ammont ta' EUR 1536.64 gie effettivament mehud minghandha in forza ta' l-imsemmi mandat ta' sekwestru;*

7. *Illi b'rizultat ta' dan l-agir tal-intimat, l-attrici sofriet id-danni.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*(1) Tiddikjara li l-attrici sofriet danni b'rizultat tal-agir illegali u abbuziv ta'l-intimat meta dan naqas li jgib a konjizzjoni tal-Qorti li hemm mandat ta' sekwestru kawtelatorju fis-sehh, u li b'rizultat ta' dan in-nuqqas Francis Enriquez gibed flus li kellhom ikunu mizmuma bl-ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).*

*(2) Tiddikjara li l-intimat ma setax jikseb il-hrug ta' u jenforza mandat ta' sekwestru kontra l-attrici billi hija kienet giet ammessa ghall-beneficcju tal-Ghajnuna Legali aktar minn darba, u b'hekk l-attrici sofriet danni;*

*(3) Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attrici.*

*(4) Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni..."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati l-intimat skond il-ligi;

Rat ir-risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali tal-25 ta'Jannar 2013 (a fol. 8 et seq.) li taqra hekk:

1. *ILLI fl-ewwel lok u in linea preliminari l-eccipjenti jirrileva illi l-okkju huwa hazin in kwantu l-azzjoni saret kontra l-esponent Direttur Qrati Civili u Tribunali u kontra r-Registratur tal-Qrati li skond il-Ligi huma l-istess persuna in kwantu l-funzjonijiet tar-Registraur tal-Qorti gew assorbiti fil-persuna tad-Direttur eccipjent u ghalhekk ir-rikors promotur huwa monk.*

2. *ILLI fit-tieni lok u bla pregudizzju l-eccipjenti m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-lanjanzi tal-attrici, in kwantu l-izbank tal-flus imsemmi mir-rikorrenti kien debitament awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti u l-esponent bl-ebda mod ma jwiegeb ghad-decizjonijiet mehuda mill-Qorti.*

3. *ILLI apparti minn hekk, il-flus in kwistjoni kienu gja gew rilaxxjati mill-effetti tal-mandat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Frar 2012. Fi kwalunke kaz ghandu jigi kkjamat in kawza Francis Enriquez u l- eccipjenti jitlob illi jigi hekk ikkjamat in kawza l-imsemmi Francis Enriquez li zbanka l-flus.*

4. *ILLI ghal dak li jirrigwarda l-hrug tal-mandat numru 1799/11 mahrug mill-eccipjenti kontra l-attrici in konnessjoni ma' drittijiet tar-Registru u spejjez ohra jigi rilevat illi din mhiex is-sede idoneja biex jigi mistharreg il-validita o meno tal-hrug tal-istess mandat.*

5. *ILLI fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat in linea ta' drittijiet registru kien dovut skond il-Ligi in kwantu mhux minnu illi, proceduri li ghalihom inhareg il-mandat sudett, l-attrici kienet ghajnuna legali, la fil-prim' istanza u lanqas fl-istadju ta' appell.*

6. *ILLI di piu l-ammont li kien gie mitlub mill-eccipjenti in linea ta' drittijiet tar-registru, thallas kollu kemm hu mill-attrici, in parti billi gew zbankati l-flus depozitati mill-bank in segwitu ghal mandat u l-bilanc thallsu cash mill-attrici nnifisha.*

7. *ILLI dato ma non concesso li l-eccezzjonijiet precedenti ma jirnexxux, fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma kollha kemm huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi:*

(a) *L-eccipjenti ma kkawza ebda danni kif allegat mill-attrici u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt il-mori tal-kawza.*

(b) *Kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors promotur l-eccipjenti dejjem agixxa skond il-ligi u skond l-Ordnijiet tal-Qorti.*

(c) *Fi kwalunkwe kaz jigi rilevat li biex azzjoni ghad-danni tirnexxi, l-attrici trid tipprova mhux biss li materjalment soffriet xi danni bi provi rigoruzi u cari, izda trid tipprova ukoll in-ness kawzali bejn id-danni allegatament sofferti u xi tort jew nuqqas tal-intimat; u kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza la wahda u lanqas l-ohra minn dawn l-elementi ma jezistu fil-konfront tal-eccipjenti fil-kaz de quo.*

8. *ILLI fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

9. *Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici."*

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Mejju 2015 li permezz tieghu gie kjamat in kawza Francis Enriquez.

Rat ir-risposta guramentata ta' Frances Enriquez (ID 401842m) datata 28 ta' Ottubru 2015, a fol 176 et seqq li taqra hekk:

1. *Illi l-eccipjent kjamat fil-kawza qieghed jipprezenta l-odjerna risposta guramentata tieghu sabiex jissalvagwardja l-interessi legali tieghu in vista tal-fatt li huwa ghadu ma rcieva ebda inkartament mill-Qorti fejn jinsab indikat bhala tali;*

2. *Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, jigi rilevat li t-talbiet attrici qatt ma jistghu jigu akkolti fil-konfront tieghu peress illi l-eccipjent kjamat fil-kawza kien gie fil-fatt awtorizzat li jizbanka l-flus in kwistjoni mill-istess Qorti;*

3. *Illi fit-tielet lok u minnghajr pregudizzju ghal premess jinghad li dwar il-flus minnu migbud hemm kawza ohra intavolata mill-istess attrici quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni Familja (Onor Imhallef Dr Robert Mangion rik nru 68/13 RGM) fejn appuntu qieghdha titlob refuzjoni tal-istess ammont zbankat minnu zbankat;*

4. *Illi fi kwalunkwe kaz l-eccipjent kjamat fil-kawza ma jista qatt jigi tenut responsabbli ghal kwalsiasi danni allegati peress illi huwa agixxa dejjem fil-parametri legali u skond kif awtorizzat mill-istess Qrati.*

5. *Illi ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tieghu ghandhom jigu respinti peress illi huma ghal kollox nfondati fattwalment u legalment.*

6. *Illi ssir rizerva ghal prezentata ta' risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

7. *Illi l-fatt li jifformaw parti mir-risposti hawn fuq maghmula huma maghrufa personalment lill-eccipjenti kjamat fil-kawza.*

*Bl-ispejjes kontra l-attrici minn issa ngunat in subbizzjoni.*

Semghat lix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Ir-rikorrenti** xehdet a fol 21A *set seqq* illi hija kienet talbet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kontra r-ragel taghha fis-somma ta' circa ghaxart elef euro (€10,000), fir-rigward ta' liema kienu saru proceduri ghar-revoka tal-istess mandat, li kienu gew finalment decizi mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 2012. Spjegat illi ghalhekk fis-17 ta' Frar 2012 kienet talbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru fuq is-somma ta' tlett elef u sebgha mitt euro (€3,700). Qalet illi sussegwentement ir-ragel taghha kien zbanka

id-differenza, u cioe s-somma ta' circa sebghat elef euro (€7,000). Xehdet ukoll illi barra minn hekk ir-Registru tal-Qorti kien hargilha mandat sabiex jigbor l-ispejjez tal-kawza ta' separazzjoni, fl-ammont ta' elfejn lira maltija (Lm2,000). Spjegat li waqt il-proceduri ta' separazzjoni kienet ippatrocinata minn-avukat privat, izda meta inhareg il-Mandat ta' sSekwestru mir-Registru, hi kienet diga giet ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali.

**In kontro-ezami** a fol 280 *et seqq* qabblet illi s-somma ta' €1,536.64 rapprezentanti d-dritt tar-registru giet mhallsa minnha, billi parti minn dan l-ammont kien gie depozitat il-Qorti mill-Bank b'konsegwenza ta' Mandat ta' Sekwestru, u l-bqija hallsithom hija kontanti. Ziedet illi r-Registru gieghel lilha thallas kollox, nonostante l-fatt illi skont is-sentenza hija kelha thallas terz tal-ispejjez biss. Qablet li waqt il-kawza ta' separazzjoni hija ma kellhiex ghajnuna legali izda kienet qed tigi ppatrocinata minn avukat privat. Mistoqsija meta kien gie nnominat ghaliha avukat tal-ghajnuna legali, wiegbet li ma tiftakarx, anke meta giet murija d-dokumentazzjoni relattiva. Mistoqsija min kie gie nnominat ghaliha bhala avukat tal-ghajnuna legali wiegbet illi kien Dr. Tonio Azzopardi.

**Marvic Farrugia** xehdet a fol 23A *et seqq* illi ir-rikors ghall-izbank kien gie prezentat minn Francis Enriquez, u kien gie akkordat fis-27 ta' Marzu 2012, filwaqt li l-formola sabiex isir l-izbank kienet giet intavolata mill-Avukat Dr. Raphael Fenech Adami fid-29 ta' Marzu 2012.

**In kontro-ezami** a fol 23A *et seqq* spjegat li l-process sakemm isir il-hlas idum circa xahar. Qalet ukoll illi ma kienx hemm diffikultajiet biex isir dan l-izbank peress li kien awtorizzat mill-Qorti.

**L-Avukat Dr. Tonio Azzopardi,** wara li gie ezentat mis-sigriet professjonali mill-klijenta tieghu, xehed a fol 88 *et seqq* illi fiz-zmien meta kien avukat tal-ghajnuna legali, kien gie nnominat biex jippatrocina lir-rikorrenti, u ghalhekk kien ghamel zmien pjuttost twil jippatrocinaha. Spjega li kien hemm fis-sehh mandat fl-ammont ta' €6,988.12 u waqt li kien fis-sehh, Francis Enriquez kien talab l-izbank ta' €7,885.63. Xehed illi r-Registratur tal-Qorti kien naqas milli jigbed l-attenzjoni tal-Qorti li kien inhareg dan il-mandat ta' sekwestru mill-Qorti tal-Familja. Kompla li hu kien

ipprotesta ghal dan l-izbank u kien anke ipprova jwaqqaf l-izbank tramite l-Assistant Direttur Emanuel Schriha u anke permezz ta' rikors, izda l-izbank kien sar xorta wahda. Rigward il-hames paragrafu tar-rikors guramentat xehed illi meta r-Registratur tal-Qorti esegwixxa ghall-hlas tat-taxxa tal-proceduri ta' separazzjoni, r-rikorrenti kienet diga qieghda tgawdi mill-beneficcju tal-ghajnuna legali.

**In kontro-ezami** a fol 286 *et seqq* u mistoqsi meta inghata l-inkarigu biex jipprocedi b'din il-kawza, wiegeb li dokumentazzjoni *ad hoc* m'hemmx, izda hemm id-dokumentazzjoni generali tal-2002 meta r-rikorrenti kienet ghamlet talba biex tinghata l-beneficcju tal-ghajnuna legali. Xehed li ghalih dak li jaghtih awtorita huwa d-dokument a fol 84, ghaliex qatt ma tnehhiet din l-awtorizazzjoni u ghalhekk in forza tal-istess inkartament, kompla jassisti lir-rikorrenti fil-bzonnijiet relatati mal-istess kawza. Ikkonferma li r-rikorrenti m'ghamlitx talba ghal ghajnuna legali specifika ghal din il-kawza, u zied li l-affarijiet kienu qed jimxu malajr hafna peress li l-flus kienu hargu. Mistoqsi jekk fl-2012, kienx imnizzel fl-elenku tal-ghajnuna legali, xehed li ma jafx pero li hemm disposizzjoni tal-ligi skont liema hu kellu jkompli jghin u jassisti anke wara li spicca minn avukat tal-ghajnuna legali. Muri imbaghad l-elenku fuq il-Gazzetta tal-Gvern, ikkonferma illi fl-2012 ma kienx avukat tal-ghajnuna legali; Mistoqsi x'passi ha in vista tad-digriet tal-Imhallef Ellul, xehed illi hu kien kellem lis-Sur Sciriha u kien qallu biex jara kif jaghmel u jwaqqaf lit-Tezor milli johrog ic-cekk, pero kien tard wisq, ghaliex il-flus kienu diga gew irtirati. Ikkonferma li fuq l-istess fatti, r-rikorrenti pprocediet b'kawza quddiem il-Qorti tal-Familja, liema kawza llum il-gurnata hija deciza u mirbuha in parte mir-rikorrenti, pero r-rikorrenti ghada minghajr flus, ghalkemm ghamlu rikors ghall-izbank ghal li jista' jkun fadal. Dr Azzopardi obbliga ruhu bhala ufficjal tal-Qorti illi kemm -il darba r-rikorrenti jirnexxilha tizbanka l-ammont ta' €3,500, jinforma lil Qorti.

**Rose Marie Vella,** Deputat Registratur fir-Registru tal-Qrati Civili Superjuri, xehdet a fol 99 *et seqq* illi meta jidhol rikors ghal zbank, minn naha taghha, kemm tiffirmah, mbaghad tghaddih ghand is-Sezzjoni tas-Subbasti, minghajr ma taghmel l-ebda verifiki peress li dan m'huwiex kompitu taghha, izda tas-Sezzjoni tas-Subbasti.

**Emanuel Schiriha,** Registratur tal-Qrati Civili, xehed a fol 116 *et seqq* u a fol 293 *et seqq* illi meta jsir rikors ghall-izbank, dan jintbaghat ghand l-Imhallef li jkun tal-

ghassa jew inkella skont il-kaz li jkun, u r-Registru joqghod fuq id-digriet li jkun ta l-Imhallef. Xehed illi jezisti Registru Digitali fejn ikun hemm imnizzel x'mandati gie notifikat bihom ir-Registru tal-Qorti. Xehed illi l-*payment voucher* kien hareg fid-9 ta' April 2012, u ghalhekk ma kien hemm l-ebda mod li seta' jitwaqqaf l-izbank peress li r-rikors intavolat mir-rikorrenti sar fit-13 ta' April, u dakinhar allura il-fondi kienu lahqu ghaddew ghand it-Tezor u ma kienux ghadhom taht l-Awtorita' tal-Qrati. Xehed li anke wara d-digriet tal-Qorti rigward ir-rikors tar-rikorrenti, huwa ma kienx cempel jew kiteb lit-Tezor, u ma ftakarx illi l-avukat difensur tar-rikorrenti kien talbu sabiex jaghmel hekk. Zied illi dan id-digriet lanqas biss gie kkomunikat lir-Registru, u ghalhekk ma kien ghamel xejn dwaru.

**Xehed li ghalkemm din il-kawza giet intavolata bl-ghajnuna legali, mir-ricerka li saret ir-Registru ma sab l-ebda digriet li jawtorizza l-intavolar ta' din il-kawza bl-ghajnuna legali. Xehed ukoll illi Dr. Tonio Azzopardi m'huwiex indikat fl-elenku tal-avukati tal-ghajnuna legali tal-2012.**

**In kontro-ezami** a fol 294 *et seqq* xehed illi l-inkarigu tal-avukat tal-ghajnuna legali jinkludi dak kollu li huwa relattiv u sussegwenti.

**Francis Enriquez** xehed a fol 187 *et seqq* illi ma jafx ghalfejn kien mar jizbanka l-flus mir-Registru.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti ser tibda billi l-ewwel tezamina kwistjoni li tqajmet matul il-kors tal-kawza, rigward l-ghajnuna legali tar-rikorrenti. Jirrizulta *ex admissis* illi meta giet intavolata din il-kawza bil-beneficcju tal-ghajnuna legali, ir-rikorrenti ma kienetx ghamlet talba *ad hoc* u l-avukat difensur tar-rikorrenti ma kienx avukat imnizzel fl-elenku tal-avukati tal-ghajnuna legali. Ir-rikorrenti targumenta pero illi xejn minn dan m'hu relevanti peress illi hija kienet applikat ghal beneficcju tal-ghajnuna legali fl-2002 u l-avukat tal-ghajnuna legali taghha huwa, bil-ligi marbut, li jibqa' jassistiha anke wara li skadiet il-hatra tieghu ai termini tal-Artikolu 936 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti a bazi tal-Artikolu 936 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghraf illi dan l-Artikolu jirregola d-dmirijiet tal-kuraturi deputati bhala parti mit-Titolu XI tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux d-dmirijiet tal-avukat tal-ghajnuna legali, li huma regolati ai termini tat-Titolu X tal-istess ligi. Lanqas ma jirrizulta li hemm xi disposizzjoni li tipprovdi li l-Artikolu 936 (1) (f) ghandu japplika *mutatis mutandis* ghal avukati tal-ghajnuna legali. Rigward id-dmirijiet tal-avukati tal-ghajnuna legali, il-ligi tipprovdi fl-Artikolu 925 bil-mod segwenti:

"(1) *L-avukat jew prokuratur legali assenjat lil minjingħata l-benefiċċju tal-għajnuna legali għandu:*

*(a) jaġixxi fl-aħjar interess ta' min ikun ingħata l-benefiċċju tal-għajnuna legali, u ma għandu jitlob l-ebda forma ta' ħlas minn dik il-parti;*
*(b) jidher fil-qorti meta tissejjaħ il-kawża ta' min ikun ingħata l-benefiċċju tal-għajnuna legali;*
*(c) jagħmel is-sottomissjonijiet neċessarji u jippreżenta n-noti meħtieġa, rikorsi, risposti, avviżi, rikorsi, u kull skrittura oħra hekk kif jenħtieġ skont ic-ċirkostanzi.*

*(2)* ***L-avukat jew il-prokuratur legali jibqgħu responsabbli għall-kawża lilu assenjata kif imsemmi qabel sakemm din tkun ġiet definittivament konkluża, ukoll jekk ikun skada iż-żmien tal-ħatra tiegħu***."

Minn qari tat-tieni sub-inciz ta' dan l-artikolu jirrizulta bic-car illi ghalkemm avukat assenjat kawza bhala avukat tal-ghajnuna legali ghandu jibqa' jippatrocina lil klijent assejnat lilu anke wara li tiskadi l-hatra tieghu bhala avukat tal-ghajnuna legali, dan id-dover jestendi biss sal-konkluzjoni definittiva ta' dak il-kawza partikolari. Dan ifisser allura illi hekk kif dik il-kawza tigi definittivament konkluza, l-avukat in kwistjoni jigi rilaxxat mill-obbligi tieghu f'dak ir-rigward. Anke li kieku l-Qorti kellha taccetta li l-Artikolu 936 citat mir-rikorrenti huwa applikabbli f'dan il-kaz, dan xorta wahda m'huwiex ta' konfort ghat-tezi tar-rikorrenti, peress li l-istess artikolu jipprovdi espressament illi wara l-iskadenza tal-hatra kuratur, il-kuratur ghandu

jkompli jirraprezenta lil persuni koncernati dwar kull haga **pendenti**. F'dan il-kaz pero, il-kawza giet intavolata mir-rikorrenti kif patrocinata minn Dr. Tonio Azzopardi fl-2012, proprju meta l-istess avukat *ex admissis* ma kienx ghadu jservi bhala avukat tal-ghajnuna legali, u ghalhekk dik il-kawza ma tistax titqies bhala li kienet 'haga pendenti' meta skadiet il-hatra ta' Dr. Azzopardi.

Fil-fehma tal-Qorti, qari ta' l-artikolu 925 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jwassal ghal interpretazzjoni illi d-doveri tal-avukat tal-ghajnuna legali huma ristretti ghal dik il-kawza li tkun giet assenjata lilu inkluz dak kollu accessorju jew ancillari bhal ma huma mandati ta' sekwstru, **izda ma tinkludix kawzi separati u distinti**. F'dan il-kaz, din l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti hija assolutament separata u distinta minn dik il-kawza li ghaliha r-rikorrenti inghatat l-ghajnuna legali. Kif jidher mid-dokument ezebit a fol 84, ir-rikorrenti kienet inghatat l-ghajnuna legali fit-30 ta' Lulju 2002 sabiex tipprocedi kontra Francis Enriquez, Michael Enirquez, Vivianne Enriquez, Philip Bigeni u Francesca Saveria Bigeni "*…ghal dikjarazzjoni illi l-appartament bl-isem "Chanel", nru. 6, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar, ghalkemm gie formalment mixri mill-intimati Michael u Vivanne, konjugi Enriquez, minghajr l-intimati Philip Bigeni u martu Francesca Saveria Bigeni* (…) *fil-fatt gie mikri mill-intimat Francis Enriquez u dan qabel ma giet ippronunzjata s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Ottubru 2000; u (2) ghall-likwidazzjoni u hlas tal-ammont hekk likwidat ta' sehem ir-rikorrenti minn da nil-fond li kellu jigi inkluz fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti appartenenti lir-rikorrenti u lill-intimat Francis Enriquez izda li ma giex hekk inkluz minhabba f'qerq mahsub mill-intimati kollha biex jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti."* Il-kaz odjern pero jirrigwarda talba ghad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti u kkawzati mir-Registru tal-Qorti, wara illi r-Registru tal-Qorti halla lil Francis Enriquez jizbanka s-somma ta' €7,685.63 u wara illi r-Registru gieghel lir-rikorrenti thallas is-somma ta' €1,536.64, rapprezentanti spejjez gudizzjarji ghal proceduri ta' separazzjoni meta hija kienet diga giet ammessa fil-beneficcju tal-ghajnuna legali. Ghalhekk, huwa *ictu oculi* li din il-procedura, u dik li ghaliha r-rikorrenti inghatat l-ghajnuna legali, huma kompletament distinti.

Il-Qorti taghraf ukoll illi l-ligi tillimita sew dak li jista' jsir a tenur tal-benficcju tal-ghajnuna legali moghti lil individwu. Infatti l-Artikolu 922 (1) jipprevedi n-nullita ta'

atti intavolati minn persuna ammessa fil-beneficcju tal-ghajnuna legali jekk dawn l-atti ma jigux prezentati skont it-termini tal-ammissjoni ta' dak il-beneficcju, u l-unika eccezzjoni ghal dan huwa jekk, it-talba tkun giet maghmula mod iehor milli fit-termini tal-ammissjoni ghaliex dan kien spedjenti fl-interess tal-parti, u dan "*…basta li ma jbiddilx fis-sustanza taghhom il-pretensjonijiet li jkunu gew ammessi fir-rapport tal-Avukat tal-Ghajnuna Legali."* Fil-fehma tal-Qorti dan huwa ghaliex sabiex persuna tigi ammessa ghal beneficcju tal-ghajnuna legali mhux biss trid tkun eligibli finanzjarjament izda inoltre r-rikorrenti irid ikollu *probabilis causa litigandi* fil-kawza li jkun irid jintavola, ai termini tal-Artikolu 919 (1). Ghalhekk huwa car li sabiex tipprezenta din il-kawza bil-beneficcju tal-ghajnuna legali, ir-rikorrenti kellha taghmel talba specifika biex tigi ammessa f'tali beneficcju peress illi dak li ried jigi ezaminat mill-Avukat tal-Ghajnuna Legali ma kienx biss jekk ir-rikorrenti kienetx finanzjarjament elegibbli ghal ghajnuna legali, izda wkoll jekk kelliex *probabilis causa litigandi.* Ghalhekk zgur li ma jistghax jinghad li d-digriet li bih kienet giet ammessa ghal beneficcju tal-ghajnuna legali ghal kawza msemmija seta' jestendi wkoll ghal din il-kawza.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi m'ghandha l-ebda ghazla ohra hlief li tiddikjara din il-kawza nulla. Jirrizulta *ex admissis* illi r-rikorrenti ma adoperatx il-proceduri legali skont il-ligi sabiex din il-kawza issir bil-beneficcju tal-ghajnuna legali, u minflok qed tgawdi minn tali beneficcju minghajr ma saru l-ezamijiet imposti mill-ligi sabiex jigi stabbilit jekk hija filfatt setghatx tressaq din il-kawza bil-beneficcju tal-ghajnuna legali. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa difett fatali ghal din l-azzjoni, u huwa kwistjoni ta' ordni pubbliku, peress illi l-kawzi maghmula bil-beneficcju tal-ghajnuna legali huma ffinanzjata b'fondi pubblici, u ghalhekk m'ghandu jithalla li ssir l-ebda inizjattiva fl-intavolar ta' azzjoni, anke jekk dan ikun sar bi zball, jew in buona fede. Barra minn hekk, ikkonsidrat illi r-rikorrenti tinsisti illi din il-kawza giet prezentat bil-beneficcju tal-ghajnuna legali a tenur tad-digriet tal-2002, il-Qorti tqis illi anke f'dan ir-rigward ghandha bilfors tasal ghal konkluzjoni li din il-kawza hija nulla, ai termini tal-Artikolu 922 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi s-sustanza tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti f'dan il-kaz huwa ghal kollox distinti minn dawk li gew ammessi fir-Rapport tal-Avukat tal-Ghajnuna Legali.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tiddikjara din il-kawza nulla ai termini tal-Artikolu 922 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti u l-eccezzjonijiet tal-intimat u l-kjamat in kawza.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jibqu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**